MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 291/2008

**A B**
**vs**
**C B f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tat-tifla minuri D EB;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-esponent u l-konvenuta martu zzewgu fil-15 ta' Dicembru, 2005, u sa ftit taz-zmien wara z-zwieg taghhom huma kienu separati 'de facto';

2. Illi l-partijiet infatti baqghu separati 'de facto' ininterrottament sallum, u qeghdin jagixxu biex issir s-separazzjoni legali bejniethom;

3. Illi fit-28 ta' Marzu, 2008 il-konvenuta welldet tarbija li naghtat l-isem D E(Dokument A) u l-istess tarbija mhix il-wild ta' l-esponent.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tarbija D EB, mwielda mill-konvenuta fit-28 ta' Marzu, 2008 kif fuq jinghad mhix wild l-esponent;

2. Tordna li fl-att tat-twelid relattiv isiru l-korrezzjonijiet konsegwenzjali;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu jehtieg li l-kliem "the said" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm fuq l-Att tat-Twelid u l-kunjom tat-tarbija irid jigi korrett.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat li l-konvenuti l-ohra, debitament notifikati, ghazlu li jibqghu kontumaci ;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar ;

Rat l-Avviz publikat fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16 ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Ikkunsidrat ;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tifla D Emwielda mill-konvenuta C B fit-28 ta’ Marzu 2008, u registrata fuq l-att tat-twelid taghha numru 1227/08 bhala bint l-attur A B, fil-fatt mhjiex il-wild naturali ta’ l-attur.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attur u l-konvenuta C B kienu zzewgu fil-15 ta’ Dicembru 2005, izda fil-21 ta’ Dicembru 2006 huma sseparaw de facto. L-attrici tikkonferma li minn dak iz-zmien il quddiem, dawn il-konjugi ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom.

Il-konvenuta tispjega li f’ Jannar 2007 hija dahlet f’ relazzjoni ma’ terza persuna, u f’ Gunju 2008 hija harget tqila. Fit-28 ta’ Marzu 2008 twieldet it-tifla D Nicole. Ghalhekk il-konvenuta taqbel li din it-tifla mhijiex ta’ l-attur.

Illi r-rapport tad-DNA jikkonferma din it-tezi, stante li jeskludi lill-attur bhala l-missier bijologiku ta’ l-imsemmija tifla.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla D EB, imwielda mill-konvenuta fit-28 ta’ Marzu 2008 mhijiex il-wild naturali ta’ l-attur A B, u konsegwentement tordna d-debita korrezzjonijiet skond il-ligi.

L-ispejjez jkunu kollha a kariku tal-konvenuta C B f’ isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------